MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2003

Numru 27/2003

**Il-Pulizija**
(Spettur Martin Sammut)
**vs**
**Faustino Barbara**
**Gary Grech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Faustino Barbara ta' 30 sena, iben Giulio u Carmen nee' Grech, imwieled 16.07.1972 Pieta' u joqghod 114, triq il-Parrocca, Mqabba. Detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 311272(M).
U
Gary Grech ta' 20 sena, iben John mary u Rita nee' D'Amato, imwieled 22.04.1982 gewwa tal-Pieta' u residenti 'St.Mary', Triq l-Imdawra, Zurrieq u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 238882(M).

Talli:-
F’dawn il-gzejjer nhar it-08 ta’ Jannar 2003, ghal-habta ta’ l-erbgha u kwart ta’ filghaxija fi Triq Dobbie, San Giljan u/jew fil-vicinanzi;

Bil-hsieb li jaghmlu delitt, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, meta ittantaw jikkommettu serq ta’ diversi oggetti fosthom ghodod ghall-ammont komplensiv ta’ aktar minn Lm 500 izda inqas minn LM 1000, mill-fond Flat 8, Lindsay Court, Triq Dobbie San Giljan, ghad-dannu ta’ Charlotte Schembri, Giuseppe Monaco u persuni ohra mhux maghrufa, liema serq kieku sehh kien ikun aggravat bil-‘mezz’, ‘valur’ u ‘lok’, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom, udan bi ksur ta’ l-Artikoli 41, 261, 263, 267, 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Volontarjament hassru ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioe ghamara fil-fond Flat 8, Lindsay Court, Triq Dobbie, San Giljan , liema hsara tiskorri il-hamsin lira Maltin (LM50) izda mhux aktar minn hames mitt lira Maltin (LM500) u dan ghad-dannuta’ Charlotte Schembri, Giuseppe Monaco, u dan kollu bi ksur ta’ l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Fil-konfront ta’ Gary Grech wahdu, talli:-**
Kiser Ordni tal-Probation moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar id-29 t’Awwissu 2002, liema sentenza hija deffinittiva u ma tistax tinbidel.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzati ma oggezzjonawx li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti.

Rat li l-akkuzati ammettew l-akkuzi migjuba kontrihom u l-Qorti stednithom biex jergghu jahsbuha fissritilhom xi tfisser ammissjoni. Tennew l-ammissjoni.

Rat l-artikolu 41 (1), 261, 263, 267, 269, 325 ( C), fil-konfront taz-zewg akkuzati u fil-konfront ta’ Gary Grech

rat wkoll li dan kiser ordni ta’ probation. Rat wkoll fil-konfront taz-zewg akkuzati l-art 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ser tapplika l-ahhar imsemmi artikolu fil-konfront taz-zewg akkuzati u ghalhekk fil-waqt li qed issibhom hatja tilliberahom taht il-provvedimenti ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 b’dan li ma jaghmluhx reat iehor fi zmien sena (1) mil’llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------